MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 71/2014

**Talba Nru: 71/14/VG**

**Joseph GALEA**

**Vs**

**Alfred Galea u b'digriet datat 25 ta' Gunju, 2014 l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine Galea, Carmel Galea u Joseph Galea stante l-mewt ta' Alfred Galea**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-31 ta' Jannar, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallsu s-somma ta' elf mitejn sebgha u tmenin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€1,287.49c] u dan wara li ppremetta hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u sebgha u tmenin euro u disgha u erbghin centezmu (€1,287.49) rapprezentanti kontijiet ta' dawl u ilma relattivi ghall-fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, liema fond huwa fil-pussess tal-intimat izda l-kontijiet relattivi huma addebitati lill-attur.

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fil-11 ta' Lulju, 2014 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba rikorrenti:

"Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ghandu jindika l-perjodu taz-zmien li ghalih qieghed jitlob il-hlas u jipprezenta l-kontijiet relattivi.

Illi fit-tieni lok, jigi rilevat illi l-fond in kwistjoni kien mikri lil Joseph Galea & Sons, negozju gestit minn missier il-partijiet, illum mejjet. Illi l-partijiet f'dawn il-proceduri huma parti ta' dan in-negozju u fl-ahhar snin l-fond intuza bhala store/ufficju.

Illi apparti n-negozju fuq indikat, il-partijiet kienu juzaw it-tradename Galea Marine Engineering li wkoll kienet tuza l-istess proprjeta;

Illi mis-sena 2002 sal-lum, il-fond in kwistjoni intuza biss bhala store li fih fadal parts/ghodda ta' Joseph Galea & Sons u Galea Marine Engineering.

Ghaldaqstant, kwalsiasi ammont dovut lil ARMS Ltd fuq il-fond in kwistjoni ghandu ugwalment bejn il-partijiet u t-talba rikorrenti inkluza bl-ispejjez".

Ra l-verbal datat 25 ta' Novembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, ir-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat, il-hlas tas-somma ta’ elf mitejn sebgha u tmenin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta’ euro [€1,287.49] rappreżentanti kontijiet ta’ dawl u ilma relattivi ghall-fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, liema fond jinsab fil-pussess tal-intimat. L-intimati, peress li Alfred Galea lahaq gie nieqes fil-mori ta’ dawn il-proceduri, laqghu ghal din it-Talba billi qalu li preliminarjament, ir-rikorrenti ghandu jindika l-perjodu taz-zmien li ghalih qieghed jitlob il-hlas u jipprezenta l-kontijiet relattivi. Qal ukoll li l-fond in kwistjoni kien mikri lil Joseph Galea & Sons, negozju gestit minn missier il-partijiet, illum mejjet. Illi l-partijiet f’dawn il-proceduri huma parti ta’ dan in-negozju u fl-ahhar snin l-fond intuza bhala store/ufficju. Komplew ighidu li apparti n-negozju fuq indikat, il-partijiet kienu juzaw it-tradename Galea Marine Engineering li wkoll kienet tuza l-istess proprjeta u li mis-sena 2002 sal-lum, il-fond in kwistjoni jintuza biss bhala store li fih fadal parts/ghodda ta’ Joseph Galea & Sons u Galea Marine Engineering. Ghalhekk, jaghlqu jghidu l-intimati fir-risposta taghhom, kwalsiasi ammont dovut lil ARMS Ltd fuq il-fond in kwistjoni ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** xehed fit-23 ta’ Ottubru, 2014. Beda biex qal li huwa ilu jikri l-fond numru 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa sa mis-sena 1991 u huwa jhallas il-kera ghal dan il-fond lil ċertu Zammit minn Hal-Qormi. Qal ukoll li huwa ghandu jaghtih xi arretrati ta’ kera fuq dan il-fond.

Xehed li hu u huh Alfred Galea, kellhom negozju flimkien bl-isem ta' Galea Marine Engineering u dan il-fond kien jintuża minnu bhala ufficċju tieghu personali. Huma kienu jiġġestixxu n-negozju taghhom taht l-isem ta' Galea Marine Engineering mill-fond 9, Church Wharf Street, Marsa. Sussegwentement, huma gew żgumbrati minn dan l-ahhar fond u sabiex jkomplu ghaddejjin bin-negozju taghhom huma bdew jużaw il-fond bin-numru 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa li kien fuq ismu personali.

Kompla jghid li huma bdew jużaw dan il-fond tieghu xi ftit taz-zmien wara t-30 ta' Marzu, 2001 u cioe wara li kienet inghatat sentenza mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Saviour Zammit vs Joseph Galea et noe u li permezz taghha hu u huh kienu gew żgumbrati mill-fond li kien jinsab f'Church Wharf Street, Marsa.

F'Lulju, 2002 huwa kien mar u sab katnazz li żammu milli jidhol fil-fond lokat lilu. Qal li minn dak-in-nhar sal-lum huwa ma dahalx iżjed f'dan il-fond. Bejn Gunju, 2001 u Mejju 2002 huwa u huh kienu jużaw dan il-fond ghan-negozju taghhom Galea Marine Engineering u kienu jaqsmu l-ispejjez u l-profitti.

Qal li reċentement kien irċieva kont minghand is-socjeta ARMS fuq dan il-fond fl-ammont ta' €1,287.49c. Kompla jghid li peress li huwa ma thalliex jidhol f'dan il-fond minn Mejju 2002 sal-lum, "... *allura kull ammont huwa dovut minn Alfred Galea u/jew l-eredi tieghu*" (fol. 32).

Ir-rikorrenti stqarr ukoll li meta huwa kien ċempel lil huh biex jara l-ghala kien ghamel hekk u cioe l-ghala kien imbarra l-bieb ta' l-ufficju tieghu, dan kien qallu "... *ghax hekk ridt*" (fol. 32). Qal li minn dak-in-nhar li sab il-bieb imbarrat bil-katnazz sal-lum, huwa baqa ma ghamel l-ebda kawża kontra huh jew l-eredi tieghu sabiex jerga jiehu lura l-pussess tal-fond. Ghalhekk huwa reggha sostna li kull kont ta' dawl u ilma li hemm fuq dan il-fond huwa dovut mill-intimati l-ghaliex hu qatt ma thalla juża dan il-fond.

In kontro-ezami, huwa qal li Galea Marine Engineering hija *trade name* u li hu u huh Alfred qatt ma xoljew din il-*partnership* li kellhom. Zied ighid

li wara Mejju tas-sena 2002 huwa fetah ghal rasu u ma baqax juża dan il-fond.
Ir-rikorrenti esebixxa ukoll affidavit tieghu. B'zieda ma dak li xehed, ir-rikorrenti qal li s-servizzi tad-dawl, ilma u telefon li kien hemm fil-fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa kienu fuq ismu. Huwa beda jikri dan il-fond fis-snin disghin.

Qal ukoll li huwa kien ipprova sabiex inehhi s-servizzi tad-dawl u l-ilma minn fuq ismu u kien kellem lil Korporazzjonijiet relattivi dwar dan, "... *iżda t-tnejn li huma qaluli li biex jitnehha s-servizz minn fuq ismi, jien kelli naghtihom access ghal go dan il-post, iżda jien dan ma stajtx naghmlu minhabba li Alfred Galea qatt ma taghni ċavetta ghal dan il-katnazz*" (fol. 40).

Ir-rikorrenti qal ukoll li viċin il-fond li kien jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa kien hemm *shed* li ukoll ġiet inbarrata b'katnazz mill-intimat Alfred Galea. Qal li anke f'din il-proprjeta huwa ma setax jidhol minhabba dan il-katnazz. L-intimat qatt ma tah access ghal dan il-fond. Qal li l-intimat "... *imbaghad kien ghadda wire mill-mezzanin ghal gox-shed sabiex idawwal ix-shed minhabba li huwa kien kisser il-fuses tax-shed u ma kellux provvista tal-elettriku gox-shed u ghalhekk kien idawwlu permezz tal-wire li minnhu kien jiehu l-elettriku minn gol-mezzanin tieghi (Dok. JG3(ii))*" (fol. 40). Stqarr li l-ARMS Ltd kienet kitbitlu f'Novembru, 2013 biex jinfurmawh li kienu ser inehhu l-meter minn gol-fond fi Triq is-Salib tal-Marsa u li kellu jaghtihom access ghal go fih iżda peress li dan ma setax jaghmlu, l-provvista baqghet ghaddejja.

Finalment qal li minn żmien ghal żmien, huh Alfred Galea kien jitfalu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma taht il-bieb tad-dar tieghu sabiex ikun jista jhallas dan il-kont peress li l-kont kien f'ismu. L-ahhar kont li rċieva kien ta' €1,287.49c li huwa l-ammont li qieghed jiġi reklamat f'dawn il-proceduri.

3. **Saviour Galea**, iben ir-rikorrenti xehed fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014. Qal li missieru r-rikorrenti u zijuh l-intimat kellhom negozju flimkien bl-isem ta' Galea Marine Engineering, liema negozju kien jiġi gestit mill-fond 9, Church Wharf Street, Marsa u baqa jiġi hekk gestit

minn dan il-fond sakemm gew żgumbrati minnu. Minn dak-in-nhar li gew żgumbrati mill-fond ġewwa Church Wharf Street, sa Mejju, 2002, kompla jghid ix-xhud, missieru u zijuh komplew joperaw in-negozju taghhom mill-fond in kwistjoni u cioe minn Triq is-Salib tal-Marsa. F'Mejju, 2002, imbaghad, ir-rikorrenti kien infurmah li huwa kien mar ghax-xoghol u sab li l-bieb kien gie mbarrati b'katnazz. Ix-xhud stqarr li huwa kien mar biex jara x'kien gara u verament sab dan il-fond maghluq b'katnazz. Zied ighid li minn wara din id-data, huwa kien jara lil zijuh f'dan il-fond kif ukoll f'*shed* li hemm viċin dan l-istess fond. Go din ix-*shed,* qal ix-xhud, "*... jidher wire tad-dawl nieżel mill-bejt u sejjer dirett ghal go s-shed...* " (fol. 34). Esebixxa ukoll xi ritratti in sostenn ta' dan il-fatt.

In kontro-ezami, huwa qal li huwa kien jidhol f'dan il-fond sakemm missieru r-rikorrenti kien ghadu jidhol fih hu. Dan qabel Mejju, 2002. Huwa qal li lil zijuh l-intimat qatt ma talbu kopja tac-cavetta tal-katnazz u li l-kwistjonijiet li kien hemm bejn missieru u zijuh halliehom ghalihom. Dwar is-*shed* huwa qal li reċentement din inbieghet minn missieru u mill-eredi ta' zijuh l-intimat.

4. **L-intimat Carmel Galea** xehed u qal li missieru gie nieqes fil-25 ta' Frar, 2014. Dwar il-fond fi Triq is-Salib tal-Marsa, huwa qal li dan il-fond jafu minn ċkunitu. Stqarr li dan il-fond aktarx li huwa mikri lil nannuh li jismu Joseph Galea, bhar-rikorrenti. Nannuh kien jiġġestixxi negozju bl-isem ta' Joseph Galea & Sons u kien jaghmel xoghol ta' *marine engineering*. Wara li gie nieqes, in-negozju spiċċa f'idejn uliedu u cioe f'idejn ir-rikorrenti u d-defunt Alfred Galea. Huwa esebixxa kopja tal-*partnership agreement*, li kien hemm bejn Joseph Galea (in-nannu tax-xhud) u uliedu cioe r-rikorrenti u missieru Alfred Galea. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dok. CG1 u jinsab esebit a fol. 51 et seq tal-process.

   Wara li gew żgumbrati mill-fond li kellhom f'Church Wharf Street, missieru u zijuh (ir-rikorrenti), kompla jghid l-intimat, u minkejja li kienu pensjonanti, huma xorta wahda iddeċidew li jkomplu bin-negozju taghhom mill-fond li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa.

Huwa qal li fl-2005 ir-rikorrenti fetah kumpanija ghal rasu bl-isem ta' Galea Marine and General Importers Limited. Huwa ppreżenta dokument li gie mmarkat bhala dok. CG2 a fol. 53 et seq tal-process. Qal li qabel din id-data, r-rikorrenti ma baqax jonora l-ftehim ta' shubija li kien hemm bejnu u bejn missieru Alfred Galea u dan peress li huwa kien qieghed jinnegozja taht l-isem ta' General Importers Limited u halla lill-missieru barra minn dan in-negozju.

Mistoqsi mit-Tribunal dwar minn kien ghamel dan il-katnazz mal-bieb tal-fond li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa, huwa qal li "... *jekk mhux sejjer żball kien ghamlu missieri però ma nafx meta ghamlu*" (fol. 36). Qal li "*ir-raguni ghala sar dan il-katnazz kien peress li qabel kien jinghalaq b'dawra wahda tac-cavetta u kemm il-darba sabu sgassat dan il-bieb*" (fol. 36) u "*in-negozju ta' bejn missieri u r-rikorrenti spicca*" (fol. 36). Mistoqsi jekk missieru kienx ta kopja tac-cavetta tal-fond li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa lir-rikorrenti, huwa qal li ma jafx. Hu qatt ma ghadda kopja ta' din ic-cavetta lir-rikorrenti l-ghaliex qatt ma talabhielu. Xehed li missieru (Alfred Galea) ma kienx jaf jikteb u li ghalhekk l-karti tan-negozju dejjem ha hsiebhom ir-rikorrenti.

In kontro-ezami, huwa qal li missieru Alfred Galea baqa jinżel fil-fond ġewwa l-Marsa sa l-ahhar żminijiet ta' hajtu. Wara li gie nieqes missieru nsterqu l-affarijiet kollha li kienu jinsabu f'dan il-fond. Mistoqsi jekk huwa qattx dahal fil-fond li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa minn Mejju, 2002 lil hawn, l-intimat qal li "... *ma niftakarx*" u "*ma kellix interess li nidhol*" (fol. 37). Mistoqsi kemm dam jahdem missieru minn dan il-fond ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa wara Mejju, 2002 u cioe wara li n-negozju maz-ziju Joseph Galea kien spiċċa huwa qal li "... *missieri dak iz-zmien kien pensjonant kien jinżel il-Marsa biex iqatta siegha. Missieri qatt ma kompla bin-negozju minn Mejju elfejn u tnejn (2002) ... lil hawn*" (fol. 37). L-intimat qal li huwa kien jahdem fix-xoghol tieghu u ma kienx jitkellem ma missieru. Ghalhekk, kompla jghid l-intimat, huwa ma kienx jaf jekk missieru qattx hadem ghal rasu jew taht xi isem ta' negozju iehor minn Mejju 2002 lil hawn.

5. **Reuben Bonnici, rapprezentant tal-ARMS Limited** xehed fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2014 u qal li l-meter tad-dawl u l-ilma li hemm fil-

fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa jghajjat lil Joseph Galea. Huwa ppreżenta l-ahhar kont li huwa ta' €1,488.08 (fol. 80). Qal li "... *l-bicca l-kbira tal-kont li hemm huwa kirjiet tal-meters*" (fol. 78). Esebixxa ukoll statement li jibda mis-sena 2006 lil hawn tal-fond indikat (fol. 82). Ghalaq billi qal li biex jitnehha l-meter ikun jehtieg li jithallas il-kont pendenti u li hemm spiża ta' €55 biex jkun jista jinqala l-arlogg tad-dawl. Sal-lum, l-qlugh ta' l-arlogg ta' l-ilma huwa b'xejn.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Jirrizulta mill-provi li ma tantx hemm animu tajjeb bejn il-partijiet. Jidher li d-dizgwid inqala ghal habta ta' Mejju, 2002 meta l-intimat qabad u ghamel katnazz mal-bieb tal-fond li jinsab fi Triq is-Salib tal-Marsa u ma taghx kopja tac-cavetta relattiva lir-rikorrenti. Dan l-istat ta' fatt ghadu jeżisti sal-lum. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti baqa ma ghamel xejn sabiex jerga jipprova jidhol f'dan il-fond. X'kienet u ma kienitx ir-raguni l-ghala dan sar, it-Tribunal mhux ser jidhol fiha. Jirrizulta però li l-intimati kienu jafu li r-rikorrenti ma kellhomx access ghal dan il-fond minhabba li huma u cioe missierhom kien ghamel dan il-katnazz. Skond ma xehed Rueben Bonnici, rappreżentant ta' l-ARMS Limited, il-maggor parti tal-kont dovut huma ghall-kirjiet tal-meters. Jirrizulta ukoll li minn dan il-fond mikri lir-rikorrenti kien ittiehed *wire* ghal gox-*shed* li ukoll gie mbarrati biex ir-rikorrenti ma jidholx fih. Permezz ta' dan il-wire, kien qieghed jiġi supplit l-eletriku lil din ix-*shed*. L-intimat Carmel Galea qal li missieru Alfred baqa jinżel fil-fond ġewwa l-Marsa sa l-ahhar żminijiet ta' hajtu. Wara li gie nieqes missieru, kompla jghid l-intimat Carmel Galea, nsterqu l-affarijiet kollha li kienu jinsabu f'dan il-fond.

7. Ghat-Tribunal, jidher bic-car, li l-fond ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa ilu fil-pussess esklussiv ta' l-intimat Alfred Galea minn Mejju, 2002. Wara li gie nieqes hu, c-cwievet ta' dan il-fond ghaddew ghand l-eredi tieghu, l-intimati odjerni. Jirrizulta li r-rikorrenti pprova jaghmel minn kollox sabiex iwaqqaf dawn is-servizzi iżda kull darba gie nfurmat li kien jehtieg li l-addetti responsabbli jidhlu gol-fond sabiex jaqtaw is-servizz relattiv u jittiehdu l-meters. Peress li huwa ma kellhux ċwievet ta' dan il-fond,

allura huwa ma setax jaghti access lill-addetti responsabbli bil-konsegwenza li dawn il-*meters* ghadhom hemm. Jinghad ukoll li ma rrizultax ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li r-rikorrenti ghamel xi uzu minn dan il-fond jew inkella utilizza xi servizzi minnu minn Mejju, 2002 lil hawn, anke jekk bhala fatt irriżulta li l-partijiet kienu ghamlu sena jiġġestixxu negozju bis-shab minn dan il-fond. Dan peress li kif jistqarr l-istess intimat fl-2005 ir-rikorrenti fetah negozju ghal rasu u li allura n-negozju ta' bejniethom spiċċa. Konsegwentement, minn dan il-fond, l-partijiet ma baqghux joperaw minnu flimkien. Mid-dokument esebit fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2014 minn Reuben Bonnici, jirrizulta li l-ewwel entrata hija fit-12 ta' Mejju, 2006 u li l-maggor parti tal-kont dovut huma ghall-kirjiet tal-meters. Ghalhekk, huwa bil-wisq car li kull kont li kien hemm pendenti fuq dan il-fond ghandu jithallas mill-intimati. Konsegwentement l-eccezzjonijiet ta' l-intimati qeghdin jiġu michuda in vista ta' dak li inghad.

8. It-Tribunal jheggeg lill-partijiet sabiex isibu soluzzjoni amikevoli ghal kontijiet kollha pendenti li ghad jista jkun fadal ghar-rigward tas-servizzi li jinsabu f'dan il-fond u li l-addetti responsabbli jinghataw access ghal fond sabiex ikunu jistghu jittnehhew dawn is-servizzi jekk hekk jidhrilhom li ghandhom jaghmlu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha imqanqla mill-intimati inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess intimati sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn sebgha u tmenin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€1,287.49c]. L-imghaxijiet fuq dan l-ammont ghandhom jibdew jidekorru mid-data li fiha r-rikorrenti jaghmlu l-hlas relattiv lis-socjeta ARMS Limited u jibqa ghaddej sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta' l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------